MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2005

Numru 500/2005

Il-Pulizija
(Spettur Sandro Zarb)
vs
Tarek Rajab A Helal

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fl-14 ta’ Gunju, 2005 ghall-habta tas-6.30 ta’ filghaxija, fit-triq ta’ quddiem l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta gewwa l-Gudja, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Nasr Edin Jeray skond kif icccertifika Dr Mario Abela M.D. mic-Centu tas-Sahha ta’ Rahal Gdid u dan ai terminu tal-Artikoli 214, 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq proprjeta u cioe' fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAK 473 tal-ghamla Hyundai Accent ghad-dannu ta' Raymond Cortis u s-socjeta' Curtis Rent a Car u fuq cnut u pjanti ghad-dannu tal-Malta International Airport, liema hsara teccedi l-LM 500 u dan ai termini tal-Artiklu 325 (a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAK 473 tal-ghamla Hyundai b'manjiera traskurata u perikoluza ai termini tal-Artikolu 15 (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni, wissietu bil-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni, taghtu zmien ragonevoli sabiex jikkonsidra l-posizzjoni tieghu, izda huwa rega' wiegeb illi kien hati;

Ghalhekk, wara illi rat l-Artikoli 214, 221 (a), 325 (e) 17, 28 A tal-Kap. 9 u l-Artikoli 15 u 18 tal-Kap. 65;

Issibu hati;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, ikkopera mal-pulizija u hallas parti mill-ammont dovut lill-parte civile;

Ghalhekk il-Qorti ikkundannat lill-imputat misjub hati kif diga intqal ghal prigunerija ta' sena sospiza ghal tmintax il-xahar u tiskwalifikah mill-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt xhur millum;

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 H tal-Kap. 9 u tordna lill-hati ihallas il-bilanc ta' LM 1000 lil Glenn Debattista, f'isem is-socjeta' Cortis Rent a Car, fi zmien sitt xhur mil-lum;

Finalment, il-Qorti tordna illi din is-sentenza tigi komunikata lill-Avukat Generali skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------